

Digriet tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2018 – Kerstens vs Il-Kummissjoni(Kawża T-757/17) ⁽¹⁾

(“Servizz pubbliku — Uffiċjali — Proċeduri dixxiplinari — Sanzjoni dixxiplinari — Eżekuzzjoni ta' sentenza mogħtija mill-Qorti Ġenerali fuq appell — Irtirar tad-deċiżjoni li timponi ċansfira — Ftuħ mill-għid tal-proċeduri dixxiplinari li jwasslu għas-sanzjoni annullata — Rikors għal annullament — Att li ma jikkawżax preġudizzju — Rikors għad-danni — Nuqqas ta' osservanza tal-proċedura prekontenzjuża — Inammissibbiltà manifesta”)

(2018/C 301/47)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrent: Petrus Kerstens (Overijse, il-Belġju) (rappreżentant: C. Mourato, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: B. Mongin u R. Striani, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 270 TFUE u intiża, minn naħa, l-annullament ta' żewġ noti tal-Kummissjoni tas-27 ta' Marzu u tas-6 ta' April 2017 u, min-naħa l-oħra, sabiex tikseb kumpens għad-dannu morali allegatament subit mir-rikorrent bħala riżultat tal-konsegwenzi u t-tul tal-proċeduri dixxiplinari CMS 15/017 u CMS 12/063.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud bħala manifestament inammissibbli.
- 2) Petrus Kerstens huwa kkundannat għall-ispejjeż.

⁽¹⁾ ĠU C 32, 29.1.2018.

Digriet tal-President tal-Qorti Ġenerali tas-26 ta' Ġunju 2018 – Strabag Belgium vs Il-Parlament

(Kawża T-784/17 RII)

(“Proċeduri għal miżuri provviżorji — Kuntratti pubbliċi għal xogħlijiet — Digriet li jagħti s-sospensjoni tal-eżekuzzjoni tad-deċiżjoni tal-Parlament Ewropew li tiġi miċħuda l-offerta tar-rikorrenti u li l-kuntratt relatat ma' kuntratt qafas ta' xogħlijiet ta' impriża ġenerali għall-bini tal-Parlament fi Brussell jiġi attribwit lil ħames offerenti — Talba għal modifika — Artikolu 159 tar-Regoli tal-Proċedura — Inammissibbiltà”)

(2018/C 301/48)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Rikorrenti: Strabag Belgium (Antwerpen, il-Belġju) (rappreżentanti: M. Schoups, K. Lemmens u M. Lahbib, avukati)

Konvenut: Il-Parlament Ewropew (rappreżentanti: Z. Nagy u B. Simon, aġenti)

Suġġett

Talba bbażata fuq l-Artikolu 159 tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali u intiża għall-modifika tad-digriet tat-18 ta' Jannar 2018, Strabag Belgium vs Il-Parlament (T-784/17 R, mhux ippubblikat, taħt appell, EU:T:2018:17).

Dispożittiv

- 1) *It-talba għal modifika tad-digriet tat-18 ta' Jannar 2018, Strabag Belgium vs Il-Parlament (T-784/17 R, mhux ippubblikat, taħt appell, EU:T:2018:17), hija miċħuda.*
- 2) *L-ispejjeż huma rriżervati.*

Digriet tal-Qorti Ġenerali tal-4 ta' Lulju 2018 – Planet vs Il-Kummissjoni**(Kawża T-29/18) ⁽¹⁾****(“Access għal dokumenti — Regolament (KE) Nru 1049/2001 — Dokumenti dwar il-kuntratt ‘Technical Assistance to Ecowas for the implementation of the 10th EDF Transport Facilitation Project II (TFP II)’ — Rifjut impliċitu ta’ aċċess — Deċiżjoni espliċita adottata wara l-preżentata tar-rikors — Irtirar tal-att ikkontestata — Tilwima li ma għadx għandha skop — Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni”)****(2018/C 301/49)****Lingwa tal-kawża: il-Grieg****Partijiet****Rikorrenti:** Planet AE Parochis Symvouleftikon Ypiresion (Ateni, il-Greċja) (rappreżentant: V. Christianos, avukat)**Konvenuta:** Il-Kummissjoni (rappreżentanti: C. Ehrbar u M. Konstantinidis, aġenti)**Suġġett**

Talba bbażata fuq l-Artikolu 263 TFUE u intiża għall-annullament ta' deċiżjoni impliċita tal-Kummissjoni li tiċħad it-talba konfermattiva tar-rikorrenti tas-6 ta' Novembru 2017 intiża għall-ksib ta' aċċess għal ċerti dokumenti relatati mal-kuntratt “Technical Assistance to Ecowas for the implementation of the 10th EDF Transport Facilitation Project II (TFP II)”.

Dispożittiv

- 1) *Ma hemmx lok li tingħata deċiżjoni dwar dan ir-rikors.*
- 2) *Il-Kummissjoni Ewropea hija kkundannata għall-ispejjeż.*

⁽¹⁾ ĠU C ##, ##.